# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Carl Ciantar**

Il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta` **Carl Ciantar** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 421789M li permezz tagħhom huwa ġie

U nakkuzah talli nhar it-18 ta' Marzu 2016 ghall habta ta' bejn l5.50hrs u 16.00hrs u/jew kif ukoll ghall-habta tas-1S.30hrs fi Triq Hal Luqa Rahal Gdid u/jew gewwa SS, Triq Hal Luqa Rahal Gdid u/jew f'dawn il-Gzejjer

1. Ghamel lil Maria Cassar u Mario Cassar ingurji jew thedid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal provokazzjoni.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, fil-prezenza ta' minuri, ikkaguna lil Maria Cassar u Mario Cassar jibzaw li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni ohra u hekk huwa jaf jew messhu kien jafli l-imgieba tieghu ikkagunat lil msemmija persuni jibzaw.

3. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Maria Cassar sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara.

4. U aktar talli fl-istess data u lok, ghall-habta tas-18.30hrs waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura ta' l-ghamla *Peugeot* bin-numru ta' registrazzjoni JBU-584 minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra Maria Cassar u Mario Cassar.

5. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni

jew il-kwiet tal-pubbliku.

6. U aktar talli nhar it-18 ta' Marzu *2016* u gran et jew xhur ta' qabel f'hinijiet differenti gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Iigi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjopni elettronika hedded li taghmel xi re at; jew bil hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; jew ghamel uzu mhuz xieraq bih fil -konfront ta' Maria Cassar

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 19 ta' Frar 2014 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Mgt Dr. A. M. Trigona LL.D u li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor waqt li jkun mehlus mill-arrest.

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrendha ruhu recediv ai termini ta' 1-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenza mghotija mil-qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u' cirkostanzi kiser l-ordni ta' *Probation* ghalperjodu ta' tiiet snin mghottija lilhu n,-har it-02 ta' April 2014 mill-Mgt Dr N. Galea Sciberras LL.D

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tiprovdi ghas-sigurta ta' Maria Cassar u Mario Cassar garanzija taht artikolu 383 tal- Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tiprovdi ghas-sigurta tal-persuni offiza jew individwi ohra skond artikolu 412 (c) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghallimsemmija reati, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-imsemmi Carl Ciantar jibqa jinzamm arrestat. Kif ukoll tordna li s-somma ta' hames t'elef Ewro (5,000 Ewro) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat, inkluż dawk mibdula u preżentati a fol 39.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet lil parte civile;

*Ikkunsidrat : -*

Il-Qorti għarblet ix-xiehda kollha mresqin quddiemha skont il-kriterja stabbiliti fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u f'dan il-każ hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-fatti seħħew kif joħroġ mill-assjem tax-xiehda tal-prosekuzzjoni u l-parte civile f'dan il-każ. F'dan il-każ iż-żewġt akkużaturi prinċipali tal-imputat huma Maria Cassar u ommha Dolores Cassar. Mario Cassar spiċċa wkoll akkużat li kkommetta reati kriminali f'dan il-każ; pero l-involviment tiegħu kien wieħed ristrett għall-episodju li seħħ għall-ħabta tas-18:30 tat-18 ta' Marzu 2016 mentri kemm Maria Cassar kif ukoll ommha kienu involuti matul il-perjodu kollu tal-episodji li sawwru dan il-każ.

Fil-fehma tal-Qorti il-fatti l-aktar rilevanti għal dan il-każ tista' tiġi maqsuma f'episodji bil-mod kif ġej –

A. Fatti li ġraw madwar sentejn ilu;
B. Fatti li ġraw nhar it-18 ta' Marzu 2016 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel;
C. Fatti li ġraw nhar it-18 ta' Marzu 2016 għall-ħabta ta' bejn it-15:50 u l-16:00;
D. Fatti li ġraw nhar it-18 ta' Marzu 2016 għall-ħabta tas-18:30.

Il-Qorti rat sewwasew li s-sitwazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile f'dan il-każ hija waħda li saret imqanqla ferm. Hija ħasra għaliex bejn il-parte civile Maria Cassar u l-imputat kien hemm relazzjoni intima u li minnha twieldu mhux wieħed, iżda żewġt itfal, fi spazju ta' ftit snin bejniethom. Pero bħal ma ġieli jiġri, meta ċerti relazzjonijiet bejn mara u raġel jispiċċaw, uħud minnhom iħallu ħerba warajhom.

Minkejja t-tensjonijiet qawwija li f'ċerti waqtiet kienu jinħassu wkoll fl-awla minħabba ċerti inċidenti li inqalgħu matul it-trattazzjoni tal-każ, fejn saħansitra l-imputat kellu jiġi allontanat u darba oħra kellu jiġi mwissi biex iġib ruħu sew fl-Awla, din il-Qorti għamlet l-almu tagħha biex iżżomm il-vertenza ta' bejn il-partijiet kalma u li tiġi magħrbla fuq livell oġġettiv, spassjonat u proporzjonat – u fuq kollox li l-fatti kif żvolġew jitqegħdu fil-perspettiva proprja tagħhom.

Il-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni ġiet soddisfaċentement ippruvata. Il-provi juru li fid-data, lok, ħin u ċirkostanzi inkriminati, l-imputat ġab ruħu b'tali mod li mhux biss hedded verbalment iżda wkoll ġab ruħu b'mod li integra t-theddida reali fil-konfront tal-parte civile.

It-tieni imputazzjoni hija dik li titnissel mill-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali. Dan jirriżulta kemm mill-lokuzzjoni tal-istess imputazzjoni kif ukoll mill-fatt li l-Prosekuzzjoni tindika l-Artikolu tal-Liġi b'mod ċar

fil-komparixxi. Dan ir-reat huwa kunsidrat li jaqa' taħt it-tipoloġija ta' reati li jikkostitwixxu l-fastidju.

Il-ġurisprudenza Maltija turi b'mod ċar li sabiex dan ir-reat jiġi integrat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li :

(a) l-imġieba tal-imputat tkun tali li
(b) permezz tagħha huwa jikkaġuna lil ħaddieħor
(c) biża li ser tintuża vjolenza kontra l-persuna jew proprjeta tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu skont kif imfisser fil-liġi.

Qabel xejn din l-imġieba trid tkun imġieba mifruxa fuq aktar minn okkażjoni waħda. Inċident waħdieni magħmul f'okkażjoni waħdanija mhix biżżejjed biex tintegra dan ir-reat. Irid ikun hemm *course of conduct* – ossija aktar minn episodju wieħed mifrux fuq aktar minn okkażjoni waħda u li turi ripetizzjoni. Dan joħroġ ċar minn analiżi tal-każijiet prinċipali dwar din il-materja fosthom ***Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez,***[1] ***Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini,***[2] ***Il-Pulizija vs. Raymond Parnis,***[3] ***Il-Pulizija vs Julian Genovese,***[4] ***Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar,***[5] ***Il-Pulizija vs. Brian Micallef,***[6] fost oħrajn.

[1] Qorti tal-Appell Kriminali, 21/06/2007.
[2] Qorti tal-Appell Kriminali, 27/02/2009.
[3] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/04/2009.
[4] Qorti tal-Appell Kriminali, 12/08/2010.
[5] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/01/2011.
[6] Qorti tal-Appell Kriminali, 14/10/2011.

F'dan il-każ, il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni għażlet li torbot dan ir-reat mal-episodji "C" u "D" aktar il-fuq imsemmija. Skont kif mistqarr fis-sentenzi ***Caruana Carabez*** u ***Tivisini*** :

> f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien.

Ir-retroxena li toħroġ mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni u l-parte civile turi element ta' tensjoni qawwija bejn l-imputat u Maria Cassar wara li Cassar iddeċidiet li twaqqaf ir-relazzjoni tagħha mal-imputat. Matul perjodu ta' żmien relattivament twil kien hemm diversi episodji maħluqa mill-imġieba tal-imputat li Maria Cassar tilmenta dwarhom u li kienu jinkludu:-

> Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose.

A fol 99 et seq hija tixhed li kienet tat ċansijiet biżżejjed lill-imputat, li skontha kien ukoll jabbuża mid-droga u li kien ukoll abbużaha verbalment u bl-aġir tiegħu. L-aħħar darba li huma kienu ħassru l-imputat ma kienx ħadha sew u baqgħa jibgħatilha messaġġi ta' theddid – fosthom li jekk jaraha ma xi raġel ieħor huwa kien lest joqtlu jew li jagħtiha xi daqqa ġo rasha. Kien ukoll saħansitra heddidha li kien sejjer jistupraha.

Minn dak mistqarr minn Maria Cassar a fol 92 l-imputat beda jċempel mis-17 ta' Marzu 2016 u dan ripetutament anke matul is-siegħat ta' bil-lejl, u hi ma bdietx tirrispondih. Pero hi rrispondietu fit-18 ta' Marzu 2016 għal xid-disgħa u nofs, jew l-għaxra ta' fil-għodu. Jiġifieri jirriżulta ċar li dawk l-inċidenti indikati "C" u "D" u li seħħew fit-18 ta' Marzu 2016 wara nofsinhar kellhom "*build up*" u ma seħħewx għall-għarrieda.

F'dan il-każ, bħal ma ġara fil-kawża ***Caruana Carabez*** u kif wkoll dik ***Genovese*** il-Prosekuzzjoni rabtet il-każ tagħha taħt l-Artikolu 251B tal-Kap 9 ma data u hinijiet partikolari – u ċjoe dak li seħħ fid-dati, ħinijiet, u lok imsemmija fl-episodji "C" u "D" aktar il-fuq imsemmija. Fiż-żewġ kawżi il-Qorti tal-Appell Kriminali indagat ir-retroxena tal-każijiet u sabet ħtija taħt l-istess Artikolu in kwantu l-***course of conduct*** kien ukoll rifless fir-retroxena bejn il-partijiet.

Il-Qorti trid tagħmel distinzjoni bejn żewġ affarijiet differenti : -

(1) Id-dritt tal-imputat li jara lill-uliedu
(2) Il-mod ta' kif l-imputat kien qiegħed iġib ruħu ma Maria Cassar.

Dawn iż-żewġt fatturi ma jistgħux jitqiesu l-istess. Filwaqt li hu ċar li l-imputat ried li jara lill-uliedu u għandu d-dritt jara lill-uliedu, huwa ma għandux id-dritt li jġib ruħu ħażin ma' Maria Cassar. Donnu li l-imputat mhux jagħraf jagħmel differenza bejn waħda u l-oħra.

Sakemm jipprova jikkuntatjaha biex ikun jista' jara lill-uliedu ma kien hemm xejn ħażin. Anzi jagħmel sew l-imputat li jipprova jagħti każ lil uliedu. Iżda l-problema tiegħu tnisslet mhux fil-fatt li huwa xtaq jara lill-uliedu daqskemm mill-mod ta' kif huwa ġab ruħu ma' Maria Cassar kemm qabel ma mar jara lil uliedu, kif ukoll matul il-ħin li kien fid-dar u ħdejn id-dar ta' Maria Cassar, kif ukoll wara li telaq.

Il-Qorti tista' tifhem li l-imputat ma ħadiex sew id-deċiżjoni ta' Maria Cassar li ttemm darba għal dejjem ir-relazzjoni tagħha miegħu. Pero jrid jifhem ukoll li bħal kull persuna oħra, Maria Cassar mhix proprjeta, la tiegħu u l-anqas ta' ħadd. Hi bniedma, adulta, li għandha l-jedd li tiddeċiedi għaliha hi ma min tkun u ma min tagħmilha. Fl-aħħar mill-aħħar l-istess jgħodd għall-imputat. Huwa persuna adulta li għandu l-jedd li jiddeċiedi hu x'jagħmel b'ħajtu, ma min ikun u ma min jagħmilha.

Biss l-imġieba tal-imputat turi li huwa għadu marbut ma' Maria Cassar u ma jridx jaċċetta li din ma tridx iżjed li jkollha relazzjoni intima miegħu. Din in-nuqqas t'aċċettazzjoni minn naħa tiegħu qegħda ġġiegħelu jagħmel affarijiet li qegħdin jissarfu fi ksur tal-Liġi kriminali. U dan iwassal inevitabbilment għall-konsegwenzi serji fuqu. L-imputat ma jistax jippretendi li jżomm lil Maria Cassar taħt il-kontroll tiegħu jew li jġegħlha li tibqa miegħu kontra r-rieda tagħha. Jew saħanistra jipprova jasal għaliha billi juża l-iskuża li jkun irid jara lit-tfal. Jekk

huwa għandu għall-qalbu l-ġid ta' wliedu, l-imġieba tiegħu kellha tkun u għandha tkun ħafna differenti minn dik li rriżultat li kienet mill-assjem tax-xiehda f'dan il-każ.

Sa fil-għodu tat-18 ta' Marzu 2016 għalkemm Maria Cassar kienet diġa qegħda tħossha imdejqa bl-imġieba tal-imputat. Iżda minkejja dan, hija fil-fatt aċċettat li l-imputat imur jara lil uliedhom – u dan minkejja li hija xehdet li ħassitu li "ma kienx sew". Fil-fatt hija tixhed a fol 92 li

> Dr. Camilleri: u naqblu li hu qallek biex jiġi jara lit-tfal mhux dak il-ħin imma iktar tard dak in-nhar stess fil-ġurnata?
>
> Xhud: Iva naqblu.
>
> Dr. Camilleri: tak ħin x'ħin kien gej id-dar?
>
> Xhud: hin tajtu jiena biex jiġi bejn l-erbgħa u nofs u l-ħamsa bħas-soltu.
>
> Dr. Camilleri: jiġifieri inti kont għidlu isma' tista' tiġi tara lit-tfal dak il-ħin?
>
> Xhud: Iva.
>
> Dr. Camilleri: u fil-fatt Carl fi x'ħin gie l-ewwel darba?
>
> Xhud: fl-erbgħa neqsin għoxrin.
>
> Dr. Camilleri : u mbagħad qed nifhem sew jiena li dak il-ħin telaq u mbagħad rega' gie?
>
> Xhud: Le ma telaqx dak il-ħin. Dak il-ħin x'ħin heddidni u daħalli ġewwa god-dar.

Minn hawn wieħed jifhem li Maria Cassar, għalkemm li ma kienetx kuntenta xejn bil-kliem mistqarr lilha u mill-imġieba lejha tal-imputat,

kienet disposta xorta waħda li tħallih jara lit-tfal biex ma ċċaħdux minnhom, basta dan ikun fil-ħin li hija ħasbet li setgħa kien l-aħjar għal kulħadd. Hija kienet lesta li tieħu r-riskju u fil-fatt ftehmet mal-imputat biex imur jara lit-tfal wara nofsinhar.

L-imputat kellu kull opportunita li jara lit-tfal bil-kwiet, mingħajr inċidenti. Iżda ħareġ ukoll mix-xiehda li meta l-imputat mar biex jara lit-tfal, kemm Maria Cassar kif ukoll ommha Dolores Cassar raw, u ħassew li l-imġieba u l-kondizzjoni tal-imputat ma kienetx waħda tajba. Huma jgħidu li rawh li ma kienx qiegħed sew. Hawnhekk il-Qorti semgħet li skont il-fehma ta' Maria Cassar u Dolores Cassar, l-imputat kien taħt l-effett ta' xi droga. Kien għalhekk li ma rieduhx jara lit-tfal u qalulu jitlaq. L-imputat hawnhekk jidher li tilef il-boxla u kattar l-iżball tiegħu.

Maria Cassar tixhed li :

> Ried jara lit-tfal bil-fors u bdejt ngħidlu biex imur u hu baqa' jinsisti u mbagħad kien hemm il-mummy ukoll u bdiet tgħidli ċempel lil Pulizija... wara l-bieb tad-dar li ħa joqtolni li sa din is-sena għandi l-aħħar u li ħa joqtolni, werwirli lit-tfal għax tgħidx kemm bkew ukoll u mbagħad cempilt lil Pulizija u gew. Sa dan it-tant beda jargumenta miegħi u jagħmel idu ma' wiċċi u hekk u bdejt ngħidlu biex jibqa' hemm hekk għax semgħani nċempel lil Pulizija imma ma naħsibx li beda jemminni ħasibni li mhuc veru u insomma x'ħin bdejt ngħidlu ibqa' hawn hekk għax gejjin il-Pulizija qabad startja daħal go l-karozza u telaq ...

Din l-imġieba tal-imputat hija korroborata wkoll mix-xiehda ta' omm Maria Cassar, Dolores Cassar li a fol 125 tixhed li meta marret tiftaħ il-

bieb hija rat lill-imputat li ma kienx "qiegħed sew" u beda jirrabja u beda jidgħi bil-madonna. A fol 126 din tixhed li meta Maria Cassar qalet lill-imputat biex jitlaq, l-imputat :

> imbuttani kont bit-tifel iż-żgħir tiegħu fuqi, imbuttani, daħalli ġewwa, wara l-bieb u qalli *ara x'qed ngħidlek qalli ħaqq il-mad....* u ħalifli ma' l-bieb ta' wara, qalli *lit-tifla sa l-aħħar tas-sena tara ħajja għax noqtolha, għidlu x'tagħmel,* dak il-ħin kexkixni, ħarigli jdejh hekk jurini, għidlu *x'tagħmel?* Qalli *noqtolha.*

Kien dan l-episodju li ssiġilla l-biża fil-moħħ ta' Maria Cassar u anke t'ommha li setgħet tiġi eżerċitata vjolenza fil-futur fuq Maria Cassar minn taħt idejn l-imputat. Dan minħabba l-kliem ta' theddid u l-imġieba minaċċjuża murija minnu lejhom. Hawnhekk il-provi juru li l-imputat żbalja kompletament meta ġab ruħu b'dak il-mod u kiser il-Liġi.

Wara din ix-xenata, hemm qbil li l-imputat telaq l-hemm. U kien ikun aktar għaqli għalih li kieku ma reġgħax resaq lejn dik id-dar dakinhar. Iżda huwa għażel li jerġa jmur lura. U hemm għamel żball ieħor u dan għaliex mal-episodju "C" hawn fuq rakkontat, spiċċa biex kien involut f'episodju ieħor, dak imsejjah "D".

Jirriżulta mix-xiehda li l-imputat reġgħa lura lejn id-dar tal-parte civile għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija. Donnu li għall-imputat kien qisu ma ġara xejn u reġgħa mar lura biex jipprova jara lit-tfal, minkejja li ftit siegħat qabel, Maria Cassar u Dolores Cassar jixhdu dwar il-kliem u mġieba ta' theddid tiegħu.

Maria Cassar tgħid li għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija t-tifel tagħha ried pizza u ddeċidiet li tmur tixtrilu waħda. Kif fetħet il-bieb tad-dar hija tgħid li sabet lill-imputat wara l-bieb tad-dar, b'xi bajda tal-għid f'idu u dan reġgħa pprova li jaqbad biex jara lit-tfal. Cassar bdiet tgħidlu biex jitlaq u l-imputat baqgħa jirsisti biex jara lit-tfal. Hemmhekk bdew jargumentaw. Missierha, Mario Cassar, li kien għadu kif ġie mix-xogħol, semgħa dan l-argument. Mario Cassar jirriżulta li ma għandux simpatija lejn l-imputat u mhux kuntent bih li jkompli ma' bintu u wliedha. Cassar għalhekk jirriżulta li mar biex jgħid lill-imputat biex jitlaq lil hemm għax ma kellux pjeċir bih wara biebu.

Wara dan it-tieni episodju l-imputat jidher li telaq l-hemm u l-parte civile daħlu lura f'darhom.

Pero l-parte civile riedu li jkollhom moħħhom mistrieh li l-imputat verament kien telaq l-hemm u marru jittawlu biex jaraw jekk l-imputat telaqx l-hemm bil-karozza. Biss hawnhekk ix-xiehda tal-parte civile taqbel li l-imputat reġgħa għadda minn quddiem id-dar tagħhom bil-karozza tiegħu u din id-darba kien ukoll qiegħed ixejjer xi ħadida mit-tieqa tal-karozza tiegħu.

Irriżulta li l-bajda tal-għid qatt ma ġiet imqasma lit-tifel ta' Cassar u l-imputat. Kien biss it-trawma tal-inċident li dan ser ikun kostrett iġorr miegħu għaż-żmien li ġej.

Il-Qorti tifhem li l-imputat setgħa ħassu urtat u rrabjat għax Maria Cassar ma ħallietux jara lit-tfal. U forsi hu rrabja għax Maria Cassar u ommha ħasbuh mhux f'siktu mentri huwa kien qiegħed iħoss li kien tajjeb. Kienet x'kienet il-vera kundizzjoni tal-imputat dak il-ħin, jirriżulta pruvat li f'dak l-istadju l-imputat minflok ħadem b'moħħu, ħalla l-emozzjonijiet jiġru bih. Minflok mar ikellem lill-Avukati tiegħu biex imexxu bl-urġenza bil-Qorti kontra Cassar li ma riedetx tħallih jara lit-tfal, għażel li jħalli r-rabja tirkbu. Minflok mexa b'moħħu, mexa bl-istint tiegħu u naturalment żbalja.

L-imġieba tiegħu matul dawn l-episodji kollha kienet waħda li huwa kien jaf li tkun se tikkaġuna biża f'moħħ il-parte civile li ser tintiża vjolenza kontriha f'xi okkażjoni. L-informazzjoni li Maria Cassar kienet irċeviet kemm matul il-jum tat-18 ta' Marzu 2016 kif ukoll preċedentement kienet informazzjoni li persuna raġjonevoli li tkun irċeviet dik l-informazzjoni taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni. Meta wieħed iqis ir-retroxena imqanqla tar-relazzjoni bejn il-partijiet, il-messaġġi ta' theddid u inġurjużi li huwa kien jibgħat lill-Maria Cassar, it-telefonati li huwa kien jagħmlilha, il-fatt li huwa kien ukoll heddidha mhux biss li jistupraha iżda wkoll li kien ser joqtolha qabel l-aħħar tas-sena huma biżżejjed biex inisslu dik il-biża li tkun ser tiġi eżerċitata vjolenza fil-futur kontra l-persuna u/jew il-proprjeta ta' Maria Cassar. It-tieni episodju, ossija l-

episodju "D" fejn l-imputat jgħid li huwa mar jerġa jipprova jara lit-tfal, ma serva għal xejn ħlief kompla kattar dan il-biża fil-moħħ tal-parte civile u kellu l-effett oppost ta' dak li jista' jidher. Il-kumplament tal-episodju fejn l-imputat deher isuq minn quddiem id-dar tal-parte civile b'biċċa ħadida f'idu barra mit-tieqa (u li mill-provi irriżulta li huwa kellu l-ġakk tal-karozza misjub fuq in-naħa tal-passiġġier fuq quddiem – post insolitu għal din il-biċċa għodda) kompla saħħaħ din il-biża fil-moħħ tal-parte civile Maria Cassar. Persuna raġjonevoli, bħal ma suppost kien l-imputat kellha tirrealizza li l-persuna li tkun irċeviet dik l-informazzjoni ċjoe Maria Cassar, kienet tkun ġustifikata taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża'. Il-mod ta' kif Maria Cassar xehdet fuq il-pedana tax-xiehda wera' b'mod ċar għal din il-Qorti li fil-fatt din il-mara kienet verament imbeżża' mill-imputat.

Minn dan l-assjem tal-provi il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni ġie soddisfaċentement ippruvat sal-grad rikjest mill-Liġi. Minħabba li ġie ppruvat ukoll li Maria Cassar u l-imputat kellha relazzjoni intima bejniethom, jirriżulta li dan ir-reat huwa aggravat in kwantu Cassar kienet is-sieħba ta' qabel tal-imputat kif ukoll li dawn l-episodji seħħew in parti fil-preżenza ta' minuri. Għalhekk il-Liġi tobbliga lill-Qorti li żżid il-piena f'dan il-każ bi grad jew żewġ gradi. Il-piena (mingħajr ir-reċidiva) għalhekk minn minimum ta' tliet xhur u massimu ta' sitt xhur tiżdied għal massimu li fil-minimu

tammonta għal seba' xhur priġunerija u fil-massimu togħla għal sena priġunerija.

Illi kwantu għat-tielet imputazzjoni jirriżulta mix-xiehda ta' Dolores Cassar li l-imputat kien ħebb għaliha billi imbuttaha u daħal ġewwa wara l-bieb. Biss ma jirriżultax li l-imputat f'dawn l-inċidenti ħebb ukoll għall-persuna ta' Maria Cassar. Għalkemm hija tgħid li l-imputat beda jargumenta magħha u jagħmel idu ma wiċċha ma jirriżultax ukoll li huwa dak il-ħin ħebb għall-persuna tagħha. Għalhekk il-Qorti mhix ser issibu ħati tat-tielet imputazzjoni.

Inoltre, fir-rigward tar-raba' imputazzjoni il-Qorti hija wkoll moralment konvinta li kien l-imputat li hedded lill-parte civile b'oġġett iebes jew bi ħwejjeġ oħra iebsin meta huwa qabad il-ġakk li nstab fil-karozza tiegħu fuq is-seat tal-karozza tiegħu u ħareġ idu bil-ġakk b'kollox meta għadda minn quddiem il-bieb tad-dar tal-parte civile. Ix-xiehda tal-parte civile Maria Cassar u Mario Cassar hija ċara fuq dan il-punt. Mario Cassar jenfasizza anzi li l-imputat qabad il-ġakk għalih.

Ġie pruvat ukoll li l-imġieba tal-imputat, waqt li kien barra mir-residenza tal-parte civile, kienet imġieba li twassal għal *"breach of the peace"* – dan ukoll għaliex jirriżulta li minbarra Maria Cassar kien hemm persuni oħra li ħassew l-integrita personali jew partimonjali tagħhom kienet imqegħda f'periklu minħabba l-imġieba tal-imputat, uliedhom

inklużi. Skond kif mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża Il-Pulizija vs. James Farrugia deċiża nhar il-25 ta' Frar 2016 :

> Illi dwar il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338(dd) tal-Kap.9 inghad: 'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.
>
> L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.[1]'
>
> Illi mill-atti jirrizulta illi l-imgieba ta'l-appellat kienet tikkonsisti f'daqqa ta' ponn ut sic. Ma hemmx allegazzjoni illi l-appellat beda ighajjat u jiggieled jew inkella uza xi kliem minaccjuz tant illi l-agir tieghu kien bhala reazzjoni ghal mod kif kien qed jigi itrattat minn Camilleri. Kwindi hija il-fehma ta' din il-Qorti li dan ir-reat ma jissussistiex.

A differenza ta' dak il-każ, fil-każ in disamina jirriżulta li l-imputat beda jgħajjat u anke ħebb għal Maria Cassar u Dolores Cassar kif ukoll uża kliem minaċċjuż fil-konfront ta' Maria Cassar, nonche waqt li kien qiegħed isuq il-karozza tiegħu heddidhom b'oġġett iebes. Din l-imġieba għandha tnissel almenu apprensjoni fil-persuni għall-inkolumnita tagħhom jew tal-proprjeta tagħhom.

Illi kwantu għas-sitt imputazzjoni il-Qorti għandha għad-disposizzjoni tagħha ix-xiehda viva voce ta' Maria Cassar li ddikjarat bil-ġurament tagħha li hija kienet irċeviet diversi messaġġi u telefonati mingħand l-imputat li dawn kienu jew inġurjużi jew ta' theddid jew it-tnejn. Biex issaħħaħ din il-verżjoni, Cassar preżentat ukoll "screen-shot" tal-messaġġi sms li hija tgħid li rċeviet mingħand l-imputat.

Id-Difiża ttenni li fir-rigward ta' din l-imputazzjoni il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aqwa prova li fil-fatt l-imputat kien bagħat il-messaġġi sms lil Maria Cassar għaliex ħadd mis-*service providers* ma telgħa jixhed f'dan il-każ. Maria Cassar ippreżentat biss *screen shots* mill-mobile phone tagħha.

Issa f'dan il-każ il-Qorti kienet ħatret lil Dr. Stephen Farrugia Sacco sabiex ikun jista' jagħmel analiżi tal-*mobile phones* f'dan il-każ sabiex il-Qorti jkollha għad-disposizzjoni tagħha mhux biss ix-xiehda diretta ta' Maria Cassar li rċeviet l-istess messaġġi mingħand l-imputat, kif ukoll kif korroborata mill-iscreen shots stampati u li xehdet minn fuqhom Maria Cassar; iżda jkollha wkoll analiżi teknika li tkun tista' tagħti stampa aktar ċara dwar dak li verament seħħ, liema relazzjoni kienet intiża li tolqot l-aspetti tekniċi u kif ukoll dik minn naħa tal-ġbir tal-informazzjoni kollha kustodita mis-*service providers* u fil-*mobile phones* in kwistjoni u mhux parti minnhom biss. Pero għal raġunijiet li ma jaħtux

għalihom il-partijiet f'dan il-każ, din ir-relazzjoni ma setgħetx tiġi kompletata fiż-żmien qasir li fih instemgħu dawn il-proċeduri.

F'dan il-każ il-Qorti għażlet li taħtar lill-espert tekniku mhux daqstant għaliex ma kienetx qegħda temmen il-verżjoni tal-parte civile u d-dokumenti preżentati minnha, iżda għaliex riedet tara sewwa sew l-entita sħiħa ta' messaġġi mibgħuta bejn l-imputat u Maria Cassar matul il-perjodu kollu imsemmi fis-sitt imputazzjoni u mhux biss selezzjoni partikolari li jkun jidhrilha xi parti jew oħra. Dan kien ikun jista' jgħin aktar lil Qorti tifhem aħjar ir-retroxena tal-komunikazzjonijiet ta' bejn il-partijiet.

Iżda l-fatt li din ir-relazzjoni ma setgħetx tiġi magħmula fiż-żmien li ħadu dawn il-proċeduri ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Il-Qorti, anke in bażi għal dak imsemmi fl-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali tqis li hija konvinta moralment mill-provi prodotti li l-messaġġi verament kienu ntbagħtu mill-imputat lil Maria Cassar, kif ukoll li verament ġew riċevuti minnha. Din il-Qorti ma għandhiex ukoll l-obbligu li toqgħod tisma' lis-*service providers* ukoll jew inkella li toqgħod taħtar perizja kull darba li jiġu imputati dawn l-imputazzjonijiet taħt il-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. U allaħares kien hekk għaliex altrimenti b'mod partikolari fir-rigward tar-reati imsemmi fl-Artikolu 49(a) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, l-

Qorti tkun kostretta ġġorr il-piż enormi u spropoprzjonat li tgħabbi l-proċedura billi ssir perizja bix-xiehda teknika u xiehda tas-*service providers* f'kull waħda mill-eluf t'akkużi li jiġu intavolati fuq livell nazzjonali li jinvolvu allegat ksur ta l-Artikoli 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt dawn il-Qrati, f'diversi okkażjonijiet u fuq diversi livelli ta' ġudizzju, serħu d-deċiżjonijiet kundannatorji tagħhom ukoll fuq provi li ma kienux jinvolvu perizji jew provi oħra lil hinn mix-xiehda tal-partijiet dwar messaġġi mibgħuta u riċevuti.

Għalkemm l-imputat jiċħad li huwa hedded li kien ser joqtol lil Maria Cassar waqt l-inċident ta' wara nofsinhar tat-18 ta' Marzu 2016, fl-istqarrija tiegħu ma jwieġeb xejn dwar l-allegazzjoni li kien hu li bagħat messaġġi ta' theddid lil Maria Cassar. Din il-Qorti tqis li x-xiehda ta' Maria Cassar dwar dawn il-messaġġi ma ġiex konfutata jew b'xi mod newtralizzata. Maria Cassar ħolqot il-prova li hija rċeviet il-messaġġi sms li l-kontenut tagħhom jidher fl-atti mill-mobile phone li kien iġib in-numru li solitament kien juża l-imputat. L-imputat dan il-fatt la jiċħdu u l-anqas jikkonfermah.

Biss din il-Qorti temmen li Maria Cassar verament irċeviet dawn il-messaġġi mingħand l-imputat bl-użu tal-mobile phone tiegħu. L-imputat hedded mhux biss li jagħmel reat kriminali – billi jistupra lill-Maria Cassar, talli wkoll uża diversi kliem inġurjuż. Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Alfred Grech*** : -

> 9. L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl- użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.

Il-Qorti għalhekk sejra ssib lill-imputat ħati tas-sitt imputazzjoni.

Illi kwantu għas-seba' imputazzjoni ġie pruvat mix-xiehda tal-Ispettur Jurgen Vella f'paġna 156 et seq li fid-data tal-inċidenti mertu ta' din il-kawża l-imputat kien għadu għaddej minn proċeduri kriminali quddiem il-Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona u li kien soġġett għal kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kopja legali tagħhom ġiet mehmuża f'paġna 154, fejn fost kondizzjonijiet oħra hemm li l-imputat ġie marbut li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest.

Dan ir-reat jitnissel mill-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid : -

> (2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill- kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l- ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.
>
> (3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.

Il-provi f'dan il-każ juru li l-imputat ikkommetta d-delitti hawn fuq imsemmija fit-tieni u s-sitt imputazzjoni fil-pendenza ta' dawk il-proċeduri. Għaldaqstant in vista tal-provi miġjuba fir-rigward ta' din l-imputazzjoni il-Qorti qegħda ssib lill-imputat ħati tas-seba' imputazzjoni.

Inoltre il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll il-prova tar-reċidiva skont kif imputat fit-tminn imputazzjoni billi l-Ispettur Jurgen Vella, li kien l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawża ikkonferma s-sentenza mogħtija kontra Carl Ciantar minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Saviour Demicoli nhar it-23 ta' Mejju 2013. Ġiet eżibita vera kopja ta' din is-sentenza u minnha jirriżultaw ukoll il-konnotati tal-imputat. Ir-reċidiva hija għalhekk pruvata.

Inoltre jirriżulta li l-istess l-Ispettur Jurgen Vella kien l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawża kontra Carl Ciantar u li ġiet deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Natasha Galea Sciberras nhar it-2 t'April 2014. L-Ispettur Vella ippreżenta vera kopja ta' din is-sentenza u li minnha jirriżultaw ukoll il-konnotati tal-imputat. Jirriżulta minn din is-sentenza li l-imputat kien imqiegħed taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tliet snin. Matul dan il-perjodu għalhekk l-imputat ikkommetta d-delitti aktar il-fuq imsemmija. Din id-disa' imputazzjoni għalhekk tirriżulta wkoll pruvata.

# ***Decide***

Li wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 251B, 251H(a)(d), 338(dd), 339(1)(b)(d)(e) u 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat Carl Ciantar, reċidiv f'delitti, mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tiegħu.

Kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta, din il-Qorti rat li l-parte civile ddikjarat li l-interess prinċipali tagħha kien li tiġi mogħtija protezzjoni bil-mezz ta' ordni ta' protezzjoni aktar minn ħaġa oħra.

Pero kif mistqarr mill-Uffiċjal Prosekutur, fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-kondizzjoni ta' reċidivita' plurima tal-imputat din il-Qorti ma tistax tagħti piena li ma tkunx waħda ta' ħabs effettiv. Il-parte civile dan tafu u taf ukoll li l-Qorti f'dan il-każ, jekk kienet ser issib ħtija qajla setgħet timponi pieni li ma jkunux ta' ħabs effettiv. Dan peress li : -

1. L-imputat ikkommetta reati li għalihom hemm pieni li jinkludu l-piena ta' priġunerija u mhux biss ta' multa u dan f'reati li wieħed minnhom huwa aggravat minħabba n-natura tar-relazzjoni li kien hemm bejn Maria Cassar u l-imputat, nonche l-fatt li parti essenzjali tal-inċidenti seħħew fil-preżenza ta' binhom;
2. Dawn ġew imwettqa meta l-imputat meta huwa reċidiv għal aktar minn darba. Il-fedina penali tal-imputat mhix waħda feliċi u jidher li qajla tgħallem mill-esperjenzi passati tiegħu. Din il-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għal dan il-fatt. Minħabba li huwa reċidiv il-piena f'dal-każ għandha tiżdied bi grad. Dan il-fattur magħqud mall-fatt li l-imputat huwa reċidiv kemm fit-termini tal-Artikolu 49 kif ukoll 50 tal-Kodiċi Kriminali ma jagħmilhiex possibbli għall-din il-Qorti li timponi biss piena ta' multa fir-rigward tar-reati li setgħa ingħata multa għalihom (u dan peress li apparti li s-sitt imputazzjoni ġiet ukoll kwalifikata bir-reat kontinwat u li għalhekk il-piena tista' tiżdied bi grad, skont l-Artikolu 31(f) tal-Kodiċi Kriminali, it-tlugħ mill-piena tal-multa jsir

għall-priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur) u l-anqas jagħmilha possibbli għal din il-Qorti li timponi piena ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha u dan skont l-Artikolu 28A(7)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

3. L-istess reati ġew imwettqa matul iż-żmien li l-imputat kien bil-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest. Anke hawnhekk il-piena stabbilita mill-Liġi hija dik ta' priġunerija għal żmien ta' <u>**erba' xhur sa' sentejn**</u> jew għal multa u priġunerija flimkien <u>**u**</u> l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija <u>**għandu**</u> jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Dan ifisser li anke hawn hekk il-Qorti mhux biss hija kostretta li tagħti piena ta' priġunerija li trid tiżdied bi grad minħabba r-reċidiva talli trid ukoll bilfors tordna l-konfiska tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest u dan peress li l-liġi ma ttihiex għażla.

4. Inoltre l-istess reati ġew imwetqa matul il-perjodu ta' ordni ta' probation liema ordni ta' probation kienet maħsuba sabiex tgħinu jqum fuq saqajh u jsib it-triq it-tajba. Biss b'xorti ħażina jidher li dan ma sarx. Għalhekk issa din il-Qorti hija wkoll marbuta li titratta mal-ħati daqslikieku għadu kemm ġie misjub ħati ta' dawk ir-reati imsemmija f'dik is-sentenza u trid ukoll li issa tgħaddi għall-piena.

Bid-dovut rispett dawn il-konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt kienu magħrufa minn kulħadd f'dan il-każ sa minn meta saret l-ewwel

kwerela. Din il-Qorti għalhekk ma tistax biss toħroġ ordni ta' protezzjoni iżda hija marbuta li tgħaddi biex timponi piena skont il-Liġi għal dawk ir-reati li sabet ħtija fihom.

Għaldaqstant kwantu għall-ewwel sitt imputazzjonijiet din il-Qorti qegħda tikkundanna lill-imputat għal piena ta' **<u>għaxar xhur</u>** priġunerija.

Kwantu għas-seba' imputazzjoni, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati għal piena ta' **<u>sitt xhur</u>** priġunerija. Inoltre il-Qorti qegħda tirrevoka *contrario imperio* id-digriet tal-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest konċess lill-imputat minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona nhar id-19 ta' Frar 2014 u tordna l-arrest tiegħu mill-ġdid. Inoltre tordna wkoll li s-somma ta' ħamest elef euro (€5000) mogħtija bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Inoltre fir-rigward tad-disa' imputazzjoni, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lil Carl Ciantar ħati li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation mogħtija lilu u għalhekk qegħda tittratta mal-ħati għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien impoġġi taħt din l-ordni daqs li kieku għadu kemm ġiet dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li għal kull buon fini tikkonfermah ħati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tħassar l-ordni tal-probation magħmula bis-sentenza

imsemmija u wara li rat l-Artikoli 9, 10(1), 12 u 22(1)(a)(b)(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, ċjoe l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u fir-regolamenti 2, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939) kif ukoll l-Artikoli 49, 50, 287 u 289 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 18, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Carl Ciantar għall-piena ta' **tminn xhur priġunerija** u għal **multa ta' elf euro (€1000)** li tista' titħallas fuq perjodu massimu ta' tliet snin.

Għall-fini ta' kjarezza, bis-saħħa ta' din is-sentenza Carl Ciantar qiegħed għalhekk jiġi kundannat għal perjodu komplessiv ta' **erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija flimkien mal-ħlas ta' multa ta' elf euro (€1000).**

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Maria Cassar, Dolores Cassar, Mario Cassar u l-familjari kollha tagħhom, kif ukoll sabiex tipproteġihom minn fastidju jew molestja inkluż ħsara fiżika jew patrimonjali tagħhom qegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-ħati skont id-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza u li tifforma parti integrali minnha.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 3 ta' Ġunju 2016.***

***Aaron M. Bugeja***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## ORDNI TA' PROTEZZJONI

*(SKONT L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**ILLUM** ***3.vi.2016***

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**
**vs**
**Carl Ciantar**

Il-Qorti,

Wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna l-ħrug t`Ordni ta' Protezzjoni kontra l-ħati **Carl Ciantar** li joqgħod Block D, Bieb A, Flat 4, Triq Pietro Gagliardi, Ħal-Tarxien, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 421789(M) taħt il-

kundizzjonijiet segwenti u ċioe` li ai termini tal-Artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali:

a) Tipprojbixxi l-ħati milli **b'kull mod,** kemm direttament kif ukoll indirettament, inkluż permezz tat-telefon jew b'xi mod ieħor ikellem, javviċina, jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil Maria Cassar, Dolores Cassar, Mario Cassar u l-familjari kollha tagħhom;
b) Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ ghal perjodu ta' tliet snin;
c) Jekk mingħajr raġuni valida il-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

***Il-Ħati***

***Il-Maġistrat***